**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 29 ta` Settembru 2015**

**Kawza Nru. 14**
**Rik. Gur. Nru. 14/11 JZM**

**Aldo Laferla [I.D. 293799M] ; u Jacqueline sive Jackie Laferla [I.D. 419261M] li qed tidher ghannom u in rapprezentanza ta` Maria Dolores de La Fuente ; u Michael Scicluna [I.D. 671553M]**

***kontra***

**Joseph Farrugia [I.D. 724550M] ; u Amanda Preca [I.D. 538076M] ; u Andrea Preca [ I.D. 493880M] ; u Francis Preca [I.D. 558147M] ; u Joseph Preca [I.D. 316645M] ; u Preluna limited (C-56) ghal kull interess li jista` jkollha**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-**<u>10 ta` Jannar 2011</u>** li jaqra :–

*1. Illi l-esponenti huma diretturi fuq il-bord tas-socjeta` Preluna Ltd, socjeta` imwaqqfa skond il-Ligijiet ta` Malta b`numru ta` registrazzjoni C-56, u bl-Ufficcju Registrat taghha Hotel Preluna, Tower Road, Sliema, hawn izjed l`isfel imsejjha `Preluna Ltd.` (kopja tal-istatut tal-kumpannija qed tigi annessa u mmarkata Dok. A) ;*

*2. Illi s-socjeta` Preluna Ltd. hi komposta minn zewg klassijiet ta` azzjonisti, l-Azzjonisti A u l-Azzjonisti B b`erba' (4) diretturi eletti minn kull klassi rispettivament ;*

*3. Illi l-Azzjonisti A kienu kollha gejjin mill-familja Scicluna filwaqt illi l-Azzjonisti B kienu kollha mill-familja Preca, liema sitwazzjoni nbidlet meta membri mill-familja Preca permezz ta` socjetajiet minnhom ikkontrollati akkwistaw porzjon ta` azzjonijiet tal-klassi A u b`hekk il-familja Preca sar ghandhom maggoranza fil-bord tad-diretturi bil-konsegwenza illi l-Managing Director huwa dejjem maghzul mill-familja Preca u dana jkollu vot deciziv f`kaz ta` paregg f`xi vot tal-bord, kif johrog minn Regolament 62 taht it-titlu Proceduri tad-Diretturi, f`Taqsima I-Regolamenti ghat-tmexxija ta` kumpannija b`responsabbilta` limitata, fl-Ewwel Skeda - Regolamenti li fuqhom timxi kumpannija b` responsabbilta` limitata tal-Att Dwar il-Kumpanniji ;*

*4. Illi f`laqgha tad-Diretturi mizmuma fil-bini tal-Lukanda Preluna nhar id-29 ta` Novembru 2010, l-esponenti nnutaw figuri anomali fl-accounts tal-kumpannija u dana specjalment f`dak li jirrigwarda r-remunerazzjoni/beneficcji tal-intimati Preca bhala diretturi tas-socjeta` Preluna Limited ;*

*5. Illi l-esponenti Aldo Laferla kien gibed l-attenzjoni ghal dawn l-anomaliji lill-Awditur tal-kumpannija u senjatament Paul Mercieca f`isem id-ditta Deloitte and Touche ;*

*6. Illi sussegwentement id-Diretturi regghu ltaqghu nhar id-9 ta` Dicembru 2010, kif jaghmlu abitwalment kull tieni Hamis tax-xahar, u f`din il-laqgha l-intimat Joseph Preca ipprezenta lid-Diretturi bir-rizoluzzjoni proposta (Dok. B) u talab li jittiehed vot ;*

*7. Illi r-rizoluzzjoni kif proposta kienet tirrestringi l-access illimitat tad-Diretturi ghall-informazzjoni u l-kotba tal-kumpannija billi d-Diretturi kienu se jigu kostretti sabiex kull darba jitolbu lill-Managing Directors tal-kumpannija li mbaghad minn naha taghhom jitolbu lir-'relevant personnel' sabiex jipprovdu l-informazzjoni rikjesta ;*

*8. Illi l-esponenti talbu illi jivverifikaw l-implikazzjonijiet ta` din ir-rizoluzzjoni qabel ma jittiehed vot fuqha ;*

*9. Illi di fatti fil-laqgha tad-9 ta` Dicembru 2010 ma ttiehdux voti u giet proposta laqgha ohra sabiex jittiehed vot rigward id-dividends tal-kumpannija ;*

*10. Illi sussegwentement nhar is-17 ta` Dicembru 2010 l-intimat Joseph Preca, tramite s-segretarja tieghu baghat email (Dok. C) fejn talab li tinzamm laqgha tad-Diretturi ohra ;*

*11. Illi meta l-esponenti talab ghall-agenda ta` din il-laqgha proposta ghal nhar il-Erbgha 22 ta` Dicembru 2010, huwa gie nfurmat permezz ta` email tas-17 ta` Dicembru 2010 (Dok. D) illi fuq l-agenda qed jigi propost vot rigward ir-rizoluzzjoni surreferita (u senjatament dik Dok. B) u kif ukoll rigward self u tqassim ta` dividend ;*

*12. Illi nhar il-21 ta` Dicembru 2010 saret talba lill-Onorabbli Qorti sabiex jinhareg mandat ta` inibizzjoni sabiex id-Diretturi intimati jinzammu "milli : bhala Diretturi tas-socjeta` Preluna Ltd (C-56), jivvutaw fuq ir-rizoluzzjoni proposta mill-intimati jew min minnhom, u li permezz taghha qeghdin jipproponu illi, bi ksur sfaccat tal-ligi dwar il-kumpanniji u kif ukoll tal-obbligi fiducjarji, jillimitaw u/jew jirristringu d-dritt tad-diretturi li jkollhom access hieles ghall-informazzjoni u ghall-accounts tal-kumpannija. L-esponenti jitolbu illi l-intimati jinzammu milli jivvutaw fuq ir-rizoluzzjoni de quo waqt il-laqgha tad-diretturi proposta li tinzamm nhar l-Erbgha 22 ta` Dicembru 2010 u fi kwalunkwe laqgha ohra futura, u kif ukoll milli xort`ohra jippruvaw u/jew effettivament jirrestringu jew jillimitaw l-access tad-diretturi ghall informazzjoni u kotba ohra tal-kumpannija" (Dok E) ;*

*13. Illi l-Qorti laqghet dan ir-rikors provvizorjament nhar it-Tlieta 21 ta` Dicembru 2010 bil-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni numru 1955/2010 GC (Dok. F) u sussegwentement ikkonfermatu fis-seduta tat-22 ta` Dicembru 2010 (Dok. G), wara li rat ir-rikors tar-rikorrenti u d-digriet taghha tal-21 ta` Dicembru 2010 kif ukoll ir-risposti tad-Diretturi intimati u l-verbal taghhom, u kkonkludiet b`dan il-kliem : "Peress li l-ligi hi cara fil-fatt li m`ghandux jkun hemm ebda restrizzjoni ghall-access da parti tad-diretturi ghall-kotba tas-socjeta` kummercjali u kwindi t-talba kif kontenuta f`dan ir-rikors timmerita li tigi allokata".*

*14. Illi kif tra l`altro esprimiet l-Onorabbli Qorti fil-mandat ta` inibizzjoni hawn fuq imsemmi (Dok G), kull direttur tas-socjeta` kummercjali ghandu dritt skond il-ligi ghal access illimitat ghall-informazzjoni u l-kotba tal-istess socjeta`, u b`hekk kull direttur tas-socjeta` Preluna Ltd. ghandu jkollu access illimitat ghall-kotba ta` l-istess socjeta` ;*

*15. Illi infatti l-Art. 136A tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta) jaghmilha cara li "(2) Id-diretturi ta` kumpannija ghandhom … jkunu responsabbli ghal (a) it-tmexxija generali ta` affarijiet taghha" ;*

*16. Illi di piu` peress illi ai termini tal-Art. 147 tal-Kap. 386 kull direttur irid jiehu dawk il-passi kollha necessarji fil-ligi sabiex jigi zgurat li ma jkun hemm ebda ksur ta` dmir mid-diretturi l-ohra u f`kaz kuntrarju ikun responsabbli in solidum ghal dak il-ksur tad-dmir ;*

*17. Illi infatti il-ligi hija cara in kwantu tistabilixxi illi f`Art. 163(3) tal-Kap. 386 illi "il-kotba tal-kontijiet ghandhom jinzammu fl-ufficju registrat tal-kumpannija jew f`dak il-post l-iehor li d-diretturi jidhrilhom xierqa, u ghandhom ikunu f`kull hin miftuha biex ikunu spezzjonati mill-ufficjali tal-kumpannija" ;*

*18. Illi dawn il-kotba tal-kumpannija ghandhom jinkludu bil-ligi (Art 163(1) tal-Kap.386) : (a) is-somom kollha migbura u minfuqa mill-kumpannija u l-hwejjeg li dwarhom id-dhul u l-infieq isir ; (b) l-attiv u l-passiv tal-kumpannija (c) jekk il-kummerc tal-kumpannija jinvolvi negozju ta` oggetti - (i) dikjarazzjonijiet ta` l-istocks mizmum mill-kumpannija f'gheluq iz-zmien tal-kontijiet tal-kumpannija ; (ii) id-dikjarazzjonijiet kollha ta` tehid ta` stocks li minn dik id-dikjarazzjoni mesemmija fis-subparagrafu (i) ikun thejja jew ikun se jithejja ; u (iii) hlief fil-kaz ta` oggetti mibjugha bhala kummerc bl-imnut ordinarju, dikjarazzjonijiet ta` l-oggetti kollha mibjugha u mixtrija, fejn jintwerew l-oggetti u x-xerrejja u l-bejjiegha b`dettal bizzejjed biex dawn kollha jkunu jistghu jigu identifikati ;*

*19. Illi sahansitra il-ligi tispecifika ulterjorment illi dawn il-kotba ghandhom (a) juru bi precizjoni xierqa, f`kull zmien, il-qaghda finanzjarja tal-kumpannija f`dak iz-zmien u (b) bihom id-diretturi jkunu jistghu jizguraw li kull karta tal-bilanc u kont ta` qligh u telf imhejjija taht dan il-Kapitolu jharsu l-htigijiet ta` dan l-Att ;*

*20. Illi ghaldaqstant il-ligi taghna taghmilha b`mod car illi l-kotba tal-kumpannija ghandhom ikunu accessibbli ghad-diretturi tal-kumpannija f`kull hin u minghajr xkiel, ikun fihom informazzjoni dettaljata u jridu jirriflettu l-qaghda attwali u preciza f`kull zmien ;*

*21. Illi d-dritt ta` kull direttur li jkollu access illimitat u imminenti ghall-kotba tal-kumpannija jakkwista aktar importanza meta wiehed jikkunsidra l-obbligi oneruzi li l-Att dwar il-Kumpanniji u ligijiet ohra (inkluzi dawk fiskali) ipoggu fuq id-diretturi personalment f`kaz ta` xi ksur ta` dmirijiet ;*

*22. Illi fil-jiem wara li l-mandat ta` inibizzjoni gie kkonfermat mill-Onorabbli Qorti r-rikorrenti nterpellaw lill-intimati sabiex, b`rikonoxximent tad-drittijiet tad-diretturi, jaghtu garanzija formali li rizoluzzjoni simili ghal dik ritirata (Dok. B) ma tergax titressaq ;*

*23. Illi ghalkemm ir-rizoluzzjoni li kienet se titressaq ghall-vot tal-Bord tad-Diretturi nhar it-22 ta` Dicembru 2010 jidher li giet irtirata, l-intimati rrifjutaw li jaghtu garanzija formali li mhix se titressaq rizoluzzjoni simili fil-futur u/jew li xort` ohra d-diretturi intimati m`humiex se jergghu jipprovaw jirrestringu d-dritt illimitat u shih ghal access tal-kotba tas-socjeta` intimata ;*

*24. Illi addirittura u ghall-kuntrarju, l-intimat Joseph Preca, fl-email li baghat lid-diretturi (Dok. G) (suppost intiza sabiex jirtira r-rizoluzzjoni) tenna n-nuqqas ta` qbil tieghu mad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti li biha kkonfermat il-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni u rega` ghamel referenza ghal 'appropriate method' ta` kif tintalab l-informazzjoni minghand il-Financial Controller billi l-ewwel jintalab il-permess tal-oghla ufficjal tal-management ;*

*25. Illi prezentament meta tintalab informazzjoni mill-Financial Controller dan dejjem jirreferi tali talba lill-Managing Director tal-Preca qabel ma jipprezenta lid-diretturi bl-informazzjoni mitluba ;*

*26. Illi l-fatt li l-intimati diga` provaw iressqu r-rizoluzzjoni (Dok B) u twaqqfu biss mill-Onorabbli Qorti, kif ukoll il-fatt li rrifjutaw li jifformalizzaw ftehim li bih jiggarantixxu li rizoluzzjoni simili ma tergax issir, flimkien mar-referenza tas-Sur Joseph Preca fl-email tieghu (Dok G) ghal 'appropriate method', jammontaw ghal possibilita` reali li fil-futur tali rizoluzzjoni terga` tigi proposta, jew jinghataw istruzzjonijiet lill-impjegati b`effett simili jew jipprovaw b`xi mod iehor jirrestringu d-dritt illimitat u shih ta` access ghall-kotba tas-socjeta` intimata ;*

*27. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza ;*

*Ghaldaqstant tghid l-intimati ghalfejn dina l-Onorabbli Qorti, m`ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u opportuna :-*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-esponenti inkwantu Diretturi tas-Socjeta` intimata ghandhom dritt li jkollhom access illimitat u shih ghall-kotba u l-informazzjoni kollha tal-istess socjeta` ;*

*2. Tordna illi konsegwentement lill-intimati jew min minnhom, jirtiraw kwalunkwe istruzzjoni li setghu taw lill-impjegati u/jew ufficjali ohra tal-kumpannija liema istruzzjonijiet jista` jkollhom l-effett illi jillimitaw l-access illimitat u shih tad-Diretturi kollha ghall-kotba tas-socjeta` intimata ;*

*3. Tinibixxi lill-intimati milli fil-futur jipprovaw b`kwalunkwe mod jillimitaw tali access tad-Diretturi.*

*Bl-ispejjez inkluzi tal-prezenti u tal-Mandat ta` Inibizzjoni prezentat mill-esponenti nhar il-21 ta` Dicembru 2010 u konfermat mill-Onorabbli Qorti nhar it-22 ta` Dicembru 2010, kontra l-intimati.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi, u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata ta` l-konvenuti Amanda Preca, Andrea Preca, Francis Preca u Joseph Preca li kienet prezentata fil-15 ta` Frar 2011 li taqra hekk :–

*Difizi*

*1. L-azzjoni mhix wahda proponibbli ghas-segwenti ragunijiet : (i) Kawza ma ssirx biex il-Qorti tiddikjara, b`mod generiku, x`inhi l-ligi, imma biex il-ligi tigi applikata f` kaz ta` bzonn attwali. Ghalhekk in kwantu l-ewwel u t-tielet talbiet huma intizi biex il-Qorti tiddikjara li r-rikorrenti ghandhom id-drittijiet li jaghtihom il-Kap 386, huma talbiet inammissibbli ; (ii) It-tieni talba hi msejjsa fuq l-ipotetiku, u talba f`dan is-sens hi ukoll inammissibbli. Ghalhekk l-intimati ghandhom jigu mehlusa mill-osservanza tal-gudizzju.*

*2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, r-rikorrenti ma kellhomx l-interess guridiku mehtieg biex jipproponu din l-azzjoni. Dana billi, fost affarijiet ohra, ebda mill-intimati ma qatt naqas milli josserva l-ligi dwar access ghall-kotba u informazzjoni ohra tal-kumpannija Preluna Limited (tant li m`hemm ebda allegazzjoni f`dan is-sens) jew kien ser jaghmel hekk. Ghalhekk ukoll l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.*

*3. B`riserva ta` kull difiza ohra li tispetta lill-intimati.*

*Fatti*

*4. L-intimati m`ghandhomx xi jghidu dwar para 1-3 tar-rikors guramentat.*

*5. Fir-rigward ta` dak li jinghad f`para 4-24, jinghad is-segwenti :-*

*a) L-intimati ma jifhmux ir-riferenza f`para 4 u 5 ghal dak li jissejhu figuri anomali. Dak li gara fil-fatt hu li Aldo Laferla staqsa – kif kellu kull dritt jaghmel - mistoqsija dwar xi figuri, u l-awditur irrispondieh. L-esponenti ma jifhmux lanqas kif, meta r-rikorrenti jirrakkuntaw il-fatt, ihallu barra l-fatt li l-awditur ta risposta, u li wara din ir-risposta ma kien hemm ebda diskors iehor.*

*b) Ir-rizoluzzjoni li tqieghdet quddiem il-Bord fil-laqgha tad-9 ta` Dicembru 2010 kienet intiza mhux biex tillimita b`xi mod id-dritt t`access li kull direttur ghandu ghall-kotba u informazzjoni ohra, imma semplicement biex meta tintalab informazzjoni ohra lill-management, ikun hemm procedura kif din issir. Kif originarjament formulata, il-proposta kienet tghid li informazzjoni kellha tintalab tramite il-Bord, u li mbaghad jkunu l-managing directors li jizguraw li l-informazzjoni tinghata. Meta din il-proposta giet quddiem il-Bord kien hemm zewg kwistjonijiet li tqajjmu : fl-ewwel lok intqal li jekk l-informazzjoni tintalab lill-Bord, allura jkun hemm perjodu ta` stennija qabel ma` talba tkun tista` tigi azzjonata ; u fit-tieni lok, kien hemm thassib fost xi diretturi, partikolarment Aldo Laferla, dwar kemm kienet regolari din ir-rizoluzzjoni. Avolja hu allegat li l-intimati ghandhom maggoranza effettiva, il-Bord mexa bil-ghaqal. Dwar l-ewwel kwistjoni, sar tibdil fir-rizoluzzjoni dak il-hin stess fis-sens li minflok l-informazzjoni tintalab lill-Bord, din ghandha tintalab lil managing director, biex b`hekk ikun zgurat li tinghata malajr. Dwar it-tieni kwistjoni, il-Bord accetta li jistenna sakemm isiru l-verifiki necessarji. Wara gimgha, ir-rizoluzzjoni kellha terga` titressaq, izda fil-frattemp ir-rikorrenti talbu u ottjenew mandat t`inibizzjoni (numru 1955/2010GC).*

*c) Fit-30 ta` Dicembru 2010, l-intimati Joseph u Francis Preca baghtu email lid-diretturi kollha, li kopja tieghu hi annessa mar-rikors guramentat bhala Dok. G. L-ideja ta` din l-email kienet sabiex il-kwistjoni tinghalaq minghajr il-bzonn ta` kawza anki jekk l-intimati baqghu tal-fehma li ma kienu ser jaghmlu xejn hazin (anzi pjuttost il-kuntrarju) b`dak li kienu qed jipproponu, u li l-mandat ma kellux jinhareg. L-interess tal-intimati kien u jibqa` li l-kumpannija titmexxa fl-interess tal-azzjonisti kollha u fir-rispett totali tal-ligi. Ghal dan il-ghan, gie ribadit (ghaliex qatt ma kien kontestat) li d-diretturi jistghu jispezzjonaw id-dokumentazzjoni meta jixtiequ, u kif ukoll li, naturalment, jistghu jitolbu informazzjoni lill-management. Ghal dan l-ahhar ghan, kien qed jigi ndikat il-financial controller, li hu l-bniedem l-iktar addattat biex jaghti l-informazzjoni. Fil-fatt, fit-13 ta` Jannar intbaghtet memo interna*

*lill-financial controller li permezz taghha gie ccarat li d-diretturi ghandhom access skond kif irid Kap. 386, u l-informazzjoni ghandha tintalab lill-financial controller (ara Dok JP1 hawn anness).*

*d) B`risposta ghal din l-email, saret proposta ta` transazzjoni, li ma wasslet imkien. L-intimati ghandhom parir li fejn hemm negozjati dwar transazzjoni, dawn m`ghandhomx jingiebu ghall-attenzjoni tal-Qorti, pero` billi r-rikorrenti taw il-verzjoni taghhom, hemm zewg possibilitajiet : jew dak li jinghad minnhom jigi sfilzat, jew l-intimati jghidu taghhom. L-intimati jitolbu direzzjoni minn dina l-Onorabbli Qorti dwar dan l-aspett.*

*6. In kwantu ghal dak li jinghad f`para 25, dan mhux minnu. Il-financial controller hu obbligat li jaghtii informazzjoni lil kull direttur dwar il-kumpannija, u ma jirreferix lil managing director qabel ma jaghmel hekk.*

*7. Para 26 ma fihx allegazzjonijiet godda ta` fatt, imma biss ipotesijiet kontradetti mill-fatt inekwivoku li (f`40 sena) qatt ma kien hemm xkiel - u qatt ma kien hemm xi pjan li jkun hemm xkiel - fuq id-dritt ta` kull direttur ghal informazzjoni shiha dwar il-Preluna Limited.*

*8. Dwar para 27 irid jinghad mhux biss li din il-kawza hi minghajr mertu u li ma kellha qatt issir ; imma jinghad ukoll li hi ghal kollox frivola.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-imsemmija konvenuti, u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mar-risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata ta` l-konvenuta Preluna Limited (C-56) li kienet prezentata fil-<u>15 ta` Frar 2011</u> u taqra hekk :–

*1. Illi filwaqt li Preluna Ltd. tifhem il-bzonn legali li tkun intimata f`kawza ta` din in-natura, din il-kawza titratta dwar disputa bejn id-diretturi tal-kumpannija Preluna Ltd. Il-kumpannija Preluna Ltd. tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta` din il-Qorti pero` thoss id-dmir li tirrileva kif hawn taht jinghad.*

*2. Jidher illi dan ir-rikors m`huwiex rikors sussegwenti u relatat mal-mandat ta` inibizzjoni msemmi fir-rikors nru. 1955/2010 GC iddegretat mill-Qorti fit-22 ta` Dicembru 2010 - dana kemm ghaliex id-dicitura tar-rikors m`huwiex indikattiv f`dan is-sens kemm ukoll minhabba l-kontenut tad-dokumenti esebiti fir-rikors.*

*3. Illi l-kumpannija Preluna Ltd. Ovvjament taccetta l-principju li timxi skond il-ligijiet tal-kumpanniji u ligijiet relatati ohra applikabbli. Illi fil-prattika hija dejjem imxiet skond tali ligijiet.*

*4a. Illi d-domandi (no 1 u no 2) kif imposti qeghdin jitolbu li l-Qorti tiddikjara l-applikazzjoni ta` ligijiet imsemmija - meta kulhadd jaf li l-ligijiet qeghdin hemm sabiex jigu applikati. U li "tordna konsegwentement lill-intimati jew lil minnhom jirtiraw kwalunkwe struzzjonijiet li setghu taw ...." ordni bir-rispett mhux bazat fuq xi fatt izda hu biss ipotetiku ("setghu" u "jista") : tali domandi inoltre jikkonfermaw dak li l-esponent qed jghid sopra para 3.*

*Filwaqt illi fit-talba no 3 ma hemmx talba ghal dikjarazzjoni ta` kolpevolezza minhabba xi att specifiku da parte tal-intimti u hemm biss ordni ta` inibizzjoni fil-fatt ma hi xejn hlif li jigi kkonfermat dak li del resto tghid il-ligi.*

*4b. Il-premessi ma fihom ebda akkuza specifika u partikolari kontra l-kumpannija, u t-talbiet ma fihom ebda rikjesta la ghal dikjarazzjoni u lanqas ghall-kondanna,fil-konfront tal-kumpannija.*

*4c. Fil-waqt illi l-kumpannija terga` tikkonferma dak li nghad minnha sopra tesprimi d-dubju taghha dwar il-bzonn jew anke il-validita` ta` tali domandi kif imqieghda.*

*5. Illi l-kumpannija Preluna Ltd m`ghandhiex tbati l-ispejjez ta` dan ir-rikors.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija konvenuta.

Rat ir-risposta guramentata li pprezenta l-konvenut Joseph Farrugia fit-<u>18 ta` Frar 2011</u> li taqra hekk :–

*1. Illi l-fatti elenkati mir-rikorrenti fir-rikors guramentat odjern taghhom huma sostanzjalment minnhom u akkurati. Il-proceduri odjerni fil-fatt huma s-sequitur tal-proceduri precedenti fl-atti tal-mandat ta` inibizzjoni numru 1955/2010 GC.*

*2. Illi l-esponent huwa wiehed mit-tmien (8) diretturi li attwalment iservu fuq il-bord tad-diretturi tas-socjeta` intimata Preluna Limited. L-esponent huwa fil-fatt wiehed mit-tlett (3) diretturi nominati u appuntati mis-socjeta` Tower Investments Limited bhala d-detentrici tal-ishma ordinarji denominati bl-*

*ittra "B" fl-imsemmija socjeta` intimata Preluna Limited, u dana skond l-istess Memorandum and Articles of Association ta` dina l-istess socjeta` intimata Preluna Limited (Dok. "A" anness mar-rikors guramentat promotur tar-rikorrenti).*

*3. Illi ghall-fini ta` aktar precizzjoni, l-esponent huwa effettivament nominat u appuntat sabiex iservi f`dina l-kariga bhala direttur fis-socjeta` intimata Preluna Limited mis-socjeta` F.N.C. Co. Limited, bhala d-detentrici tal-ishma ordinarji denominati bl-ittra "B" fl-imsemmija socjeta` Tower Investments Limited, u dana skond il-Memorandum and Articles of Association ta` dina l-istess socjeta` Tower Investments Limited (Dok "JF-1"), senjatament l-Artikolu 29 tal-Articles of Association.*

*4. Illi r-rizoluzzjoni proposta li tigi adottata mill-bord tad-diretturi tas-socjeta` intimata Preluna Limited (Dok. "B" anness mar-rikors guramentat promotur tar-rikorrenti), meritu tal-proceduri odjerni, giet formalment proposta mill-intimat Joseph Preca ghall-ewwel darba, u fil-forma originali taghha kif tidher fl-email minnu stess mibghut lil Sandra Farrugia u datat 30 ta` Novembru 2010 (Dok. "JF-2"), fil-laqgha tal-bord tad-diretturi tas-socjeta` intimata Preluna Limited li nzammet fid-9 ta` Dicembru 2010. L-imsemmija Sandra Farrugia, li tahbat oht l-intimat Joseph Preca, u l-mara tal-esponent, hija Direttur u Chairperson fl-imsemmija socjeta` Tower Investments Limited.*

*5. Illi jidher illi l-genesi ta` dina r-rizoluzzjoni kif proposta mill-intimat Joseph Preca, li huwa wiehed mill-Managing Directors tas-socjeta` intimata Preluna Limited, hija l-laqgha precedenti tal-Bord tad-Diretturi tal-istess socjeta` intimata Preluna Limited, fejn xi whud mid-diretturi kienu ssollevaw certi domandi dwar il-kontabilita` tal-istess socjeta` intimata Preluna Limited.*

*6. Minkejja illi fl-imsemmija laqgha tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` intimata Preluna Limited li nzammet fid-9 ta` Dicembru 2010 ma kienx ittiehed vot dwar ir-rizoluzzjoni proposta, stante li r-rikorrenti talbu li jiehdu parir legali dwar il-legittimita` tal-istess, u l-intimat Joseph Preca spicca wkoll sabiex ippropona wkoll amenda ghall-istess kif jirrizulta mill-fuq imsemmi Dok. "B" anness mar-rikors guramentat promotur tar-rikorrenti, jidher illi l-imsemmi intimat Joseph Preca igawdi l-appogg tal-intimati Amanda Preca, Andrea Preca u Francis Preca.*

*7. Illi jidher ukoll illi fil-mument li fih l-intimat Joseph Preca ddecieda li jipproponi li tigi addottata l-imsemmija rizoluzzjoni meritu tal-proceduri odjerni, fil-forma originali taghha, huwa immanuvra fil-konfront tal-esponent b`tali mod li jezercita pressjoni mill-aktar possibbli fil-konfront tieghu, tant illi kif fehem l-esponent kien hemm theddida cara fis-sens illi jekk l-esponent*

*kellu jazzarda jopponiha, huwa kien sejjer jitnehha minnufih minn direttur tas-socjeta` intimata Preluna Limited u dana permezz ta` azzjoni li s-socjetajiet A and A Holdings Limited u Andavia Properties Limited (socjetajiet dawn ikkontrollati mill-intimati individwali l-ohra kollha) bhala d-detenturi tal-ishma ordinarji denominati bl-ittra "A" fl-imsemmija socjeta` Tower Investments Limited u bhala tali l-azzjonisti maggorenni f`dik l-istess socjeta` kienu sejrin jiehdu billi jinvokaw il-proviso ghall-fuq riferit Artikolu 29 tal-Articles of Association tal-istess socjeta` Tower Investments Limited u b`hekk icahhdu lill-imsemmija socjeta` F.N.C. Co. Limited bhala d-detentrici tal-ishma ordinarji denominati bl-ittra "B" fl-istess socjeta` Tower Investments Limited, mid-dritt taghha li tinnomina u tappunta direttur sabiex iservi bhala wiehed mid-diretturi nominati u appuntati mill-imsemmija Tower Investments limited sabiex iservu bhala diretturi fuq il-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` intimata Preluna Limited.*

*8. Illi kien ghalhekk illi l-istess intimat Joseph Preca permezz tal-istess fuq imsemmi e-mail tieghu datat 30 ta` Novembru 2010 (il-fuq imsemmi Dok. "JF-2) kontemporanjament avza lill-imsemmija Sandra Farrugia sew b`laqgha tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` Tower Investments Limited, liema laqgha kellha ssir fil-15 ta` Dicembru 2010 u cioe` ftit jiem wara l-imsemmija laqgha tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` intimata Preluna Limited tad-9 ta` Dicembru 2010 ; kif ukoll b`laqgha generali tal-azzjonisti tas-socjeta` intimata Preluna Limited li kellha ssir proprju l-ghada u cioe` fis-16 ta` Dicembru 2010. L-Agenda ta` kull wiehed minn dawn iz-zewg laqghat kienu jinkludu l-hatra ta` diretturi fis-socjeta` intimata Preluna Limited, u l-esponent ma ghandu l-ebda dell ta` dubju dwar il-fatt illi li kieku kien lahaq ittiehed vot dwar ir-rizoluzzjoni proposta fil-laqgha tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` intimata Preluna Limited illi saret fid-9 ta` Dicembru 2010, fejn huwa kien sejjer jivvota kontra, kieku huwa kien jitnehha minnufih mill-kariga tieghu bhala direttur tal-istess socjeta` intimata Preluna Limited.*

*9. Illi meta l-esponent sar jaf bl-imsemmija rizoluzzjoni hekk proposta mill-intimat Joseph Preca, meritu ta` dawn il-proceduri, huwa kien ipproceda immedjatament billi wara li ottjena l-pariri legali opportuni kiteb bl-aktar mod car u oggettiv lill-istess intimat Joseph Preca bil-ghan li jaghti r-ragunijiet tieghu il-ghaliex ma setghax jaghti l-approvazzjoni tieghu ghall-istess rizoluzzjoni kemm il-darba din kellha tigi minnu hekk proposta, u dana permezz tal-email datat 3 ta` Dicembru 2010 (Dok. "JF-3).*

*10. Illi minkejja illi l-intimat Joseph Preca kien b`hekk inghata kull opportunita` sabiex jirrifletti bil-kwiet u ma jkomplix fit-triq zbaljata illi huwa kien qabad ghal ragunijiet minnu ahjar maghrufa, huwa xorta wahda baqa` ghaddej bil-hsieb tieghu u wasal sabiex tabilhaqq jipproponi li r-rizoluzzjoni minnu stess proposta meritu ta` dawn il-proceduri tigi addottata, l-ewwel fil-forma originali taghha fl-imsemmija laqgha tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` intimata Preluna Limited tad-9 ta` Dicembru 2010, imbaghad sussegwentement fil-forma amendata fil-laqgha tal-istess Bord tad-Diretturi tas-socjeta` intimata*

*Preluna Limited li l-istess intimat Joseph Preca sejjah ghat-22 ta` Dicembru 2010.*

*11. Illi l-intenzjonijiet tal-intimat Joseph Preca fil-konfront tal-esponent, partikolarment l-indhil u l-kontroll assolut illi l-istess intimat Joseph Preca jittanta li jezercita` fil-konfront tieghu fil-qadi tad-dmirijiet tieghu bhala direttur tas-socjeta` intimata Preluna Limited billi jheddu kontinwament bil-<u>"konsegwenzi serji"</u> li jirrizultawlu jekk kemm il-darba hu ma jsegwix id-decizjonijiet u l-istruzzjonijiet tieghu, ikomplu jimmanifestaw ruhhom bl-aktar mod car mill-minuti sew tal-Laqgha tal-Bord tad-Diretturi kif ukoll tal-Laqgha Annwali Generali tal-Azzjonisti tal-imsemmija socjeta` Tower Investments Limited illi saru fil-15 ta` Dicembru 2010 u li gew recentement approvati u ffirmati (Dok. "<u>JF-4</u>" u "<u>JF-5</u>").*

*12. Illi l-oppozizzjoni illi l-esponent qieghed jaghmel fir-rigward tar-rizoluzzjoni proposta li tigi addottata mill-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` intimata Preluna Limited mill-intimat Joseph Preca ma hijiex ispirata minn xi sens ta` pika jew motivazzjonijiet ohra mhux ta` natura onorabbli, izda ghall-kuntrarju hija bbazata fuq principji fondamentali tad-dritt socjetarju u cioe` fost affarijiet ohra dak sancit mill-<u>Artikolu 163(3)</u> tal-Att Dwar il-Kumpanniji li jipprovdi bil-mod aktar car illi :*

*"The accounting records shall be kept at the registered office of the company or at such other place as the directors think fit, and shall be at all times open to inspection by the officers of the company."*

*Kif ukoll dak li hemm provdut fl-<u>Artikolu 136A</u> tal-istess Att Dwar il-Kumpanniji fejn jigu ttrattati d-dmirijiet generali tad-diretturi, u cioe` :*

*"(1) A director of a company shall be <u>bound to act</u> honestly and in good faith <u>in the best interests of the company.</u>*

*"(2) The directors of a company shall promote the well-being of the company and shall be <u>responsible for</u> :*

*a) The general governance of the company and its proper administration and management ; and*

*b) The general supervision of its affairs."*

*13. Illi ghalkemm l-intimat Joseph Preca pprova jdewwi l-affarijiet xi ftit billi ppropona amenda ghall-istess rizoluzzjoni kif minnu stess originarjament proposta, xorta wahda jibqa` l-fatt lampanti illi tali rizoluzzjoni kif proposta ghandha l-ghan ewlieni li xxekkel id-drittijiet tad-diretturi l-ohra kollha fis-socjeta` intimata Preluna Limited b`tali mod illi huma ma jkunux jistghu jadempixxu effettivament u adegwatament l-obbligi sagrosanti taghhom fil-kariga taghhom ta` responsabbilta` bhala diretturi tal-istess socjeta` intimata*

*preluna Limited, u b`hekk tikser id-dispozizzjonijiet tal-Att Dwar il-Kumpanniji skond kif fuq premess.*

*14. Illi dana kollu gie mifhum u apprezzat minn dina l-Onorabbli Qorti, kif diversament presjeduta, meta fid-digriet taghha tat-22 ta` Dicembru, 2010, moghti fl-atti tal-mandat ta` inibizzjoni fuq riferit, precizament wara l-udjenza mizmuma aktar kmieni f`dik l-istess gurnata, u minkejja kull attentat da parti tal-intimati l-ohra sabiex inaqqsu mill-importanza u gravita` tar-rizoluzzjoni kif proposta mill-intimat Joseph Preca, gie ritenut fi kliem l-istess Qorti illi :*

*" … l-ligi hi cara fil-fatt li m`ghandux ikun hemm ebda restrizzjoni ghall-access da parti tad-diretturi ghall-kotba tas-socjeta` kummercjali u kwindi t-talba kif kontenuta f`dan ir-rikors timmerita li tigi akkolta"*

*- u difatti l-Qorti ghaddiet sabiex tapprova b`mod definittiv billi laqghet it-talba u ordnat il-hrug ta` l-opportun mandat ta` inibizzjoni.*

*15. Illi huwa veru illi l-istess intimat Joseph Preca sussegwentement ghadda sabiex, fit-30 ta` Dicembru 2010, baghat e-mail lid-diretturi kollha tas-socjeta` intimata Preluna Limited fejn wara li esprima ruhu li ma jaqbilx mad-decizjoni tal-Qorti, ghalkemm jirrispettaha, irtira l-proposta tieghu (Dokument "G" annessa mar-rikors guramentat tar-rikorrenti), xorta wahda jibqa` l-fatt illi ma hemm xejn hlief il-mandat ta` inibizzjoni milli jzommu li jerga` jipprova jipproponiha aktar -il quddiem, u ghalhekk l-esponent jidhirlu illi jkun opportun illi dana l-mandat ta` inibizzjoni jigi kkonfermat skond il-ligi permezz tal-proceduri odjerni skond kif titlob il-ligi.*

*16. Illi pero`, ghalkemm l-esponent bhala illi huwa wiehed mid-diretturi attwali tas-socjeta` intimata, forsi veru illi kellu jigi citat bhala wiehed mill-intimati f`dawn il-proceduri ghall-finijiet tal-integrita` tal-gudizzju, huwa ma ghandux ibati spejjez u dana stante illi, kif kienu jafu ben tajjeb ir-rikorrenti, huwa minn dejjem, tkellem apertament kontra r-rizoluzzjoni odjerna kif proposta, u dana sew fil-laqghat tal-Bord tad-Diretturi tal-istess socjeta` intimata, kif ukoll matul il-proceduri fuq imsemmija ghall-hrug tal-mandat ta` inibizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut Joseph Farrugia u l-elenku tad-dokumenti li pprezenta mar-risposta guramentata tieghu.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tas-7 ta` Marzu 2011 li permezz tieghu hija hatret lill-Av. Dr. Richard Galea Debono bhala espertt legali sabiex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet.

Rat illi l-gbir tal-provi sar kollu mill-espert tekniku skond id-direzzjoni li kien moghti mill-Qorti.

Rat ir-relazzjoni li pprezenta l-espert legali fis-27 ta` Awissu 2013 u li kkonferma bil-gurament fl-udjenza tas-17 ta` Settembru 2013.

Rat l-atti kollha nkluzi l-provi li l-espert legali pprezenta flimkien mar-relazzjoni.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat in-nota b`dokument li pprezentaw il-konvenuti Preca fl-udjenza tas-7 ta` Ottubru 2014.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta` Frar 2015.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

## II. Generali

**Fir-relazzjoni, il-perit tekniku jaghmel rassenja tal-provi li gabar fit-twettieq tal-inkariku tieghu. A skans ta` repetizzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghall-gabra li ghamel il-perit tekniku.**

## III. Sintesi tal-fatti

L-atturi u l-konvenuti Farrugia u Preca huma lkoll diretturi tal-konvenuta Preluna Limited (“**is-socjeta`**”).

Waqt laqgha tal-bord tad-diretturi tad-29 ta` Novembru 2010, l-attur Aldo Laferla staqsa domandi dwar figuri kontenuti fil-kontijiet tas-socjeta`. Jidher li l-awditur wiegeb ghad-domandi izda ppropona li dawk id-domandi ahjar isiru fil-laqghat tal-bord li jsiru matul is-sena. Il-konvenut Joseph Preca qal li kien ser jipprepara rizoluzzjoni sabiex ikun hemm metodu ta` kif l-informazzjoni tinkiseb mid-diretturi. Fit-30 ta` Novembru 2010, Joseph Preca ccirkola abbozz ta` rizoluzzjoni li kienet tghid illi l-informazzjoni kellha tigi mitluba *“... through a request at a board meeting.”* Fit-3 ta` Dicembru 2010, Joseph Farrugia kiteb lil

Joseph Preca fejn oggezzjona ghal dik it-tip ta` rizoluzzjoni. Il-kwistjoni kienet dibattuta waqt laqgha tal-bord li saret fid-9 ta` Dicembru 2010. Waqt din il-laqgha, Joseph Preca bidel it-test tal-abbozz ta` rizoluzzjoni sabiex direttur ikun jista` fi kwalunkwe zmien jitlob taghrif purche` t-talba issir lid-diretturi manigerjali tas-socjeta`. Rinfaccjat b`din l-emenda, Aldo Laferla ried jiehu parir legali u ghalhekk ir-rizoluzzjoni ma tqeghditx ghal vot.

Fis-17 ta` Dicembru 2010 hareg avviz biex issir laqgha ohra tal-bord fit-22 ta` Dicembru 2010. Fl-agenda kien indikat illi kienet sejra tigi diskussa r-rizoluzzjoni in kwistjoni.

L-atturi pprezentaw rikors ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni sabiex il-konvenuti jinzammu milli jivvutaw ir-rizoluzzjoni billi skond l-atturi r-rizoluzzjoni kienet tirrestringi u tillimita l-access tad-diretturi ghall-informazzjoni u ghall-kotba tas-socjeta`. Wara li r-rikors kien milqugh provvizorjament, kien ukoll milqugh b`mod finali fit-22 ta` Dicembru 2010. Bil-mandat fis-sehh, ir-rizoluzzjoni baqghet ma gietx diskussa.

Fit-30 ta` Dicembru 2010, Joseph Preca baghat email li permezz taghha rtira r-rizoluzzjoni. Sostna li ghalkemm ma kien qed jaqbel mad-decizjoni tal-Qorti, huwa kien qed jirrispetta dik id-decizjoni. Inoltre ma riedx isib ruhu f'kawza dwar din il-kwistjoni.

Ir-rikors guramentat kien ipprezentat fl-10 ta` Jannar 2011.

Fit-13 ta` Jannar 2011 saret laqgha tal-bord tad-diretturi tas-socjeta`. Fil-laqgha Aldo Laferla staqsa lil Joseph Preca jekk kienx ta l-istruzzjonijiet lic-'Chief Financial Officer'. Joseph Preca wiegeb li ma kienx baghat l-istruzzjonijiet. Hemm Laferla avza lil Preca li r-rikors guramentat kien prezentat.

## IV. Konsiderazzjonijiet

### 1) L-ewwel talba

Fil-kostatazzjonijiet tieghu, kif jirrizultaw fir-relazzjoni, l-espert legali josserva li ma hemmx daqstant qbil bejn il-kontendenti dwar x`effettivament gara bejn it-30 ta` Dicembru 2010 u t-13 ta` Jannar 2011. Skond Joseph Preca, fil-laqgha tat-13 ta` Jannar 2011 kien mistoqsi jekk kienx baghat l-email lic-'Chief Financial Officer' sabiex filwaqt li jattira l-attenzjoni tieghu ghall-Art 163 tal-Kap 386, javzah li d-diretturi kollha kellhom dritt jitolbu u jinghataw informazzjoni. Ghal din id-domanda, Preca jghid li wiegeb fin-negattiv ghaliex kien ghadu qed jistenna li d-diretturi kollha japprovaw dak li kien ser jikteb lic-

‘Chief Financial Officer’ u jibghat l-email dakinhar stess li tkun approvata. Skond Aldo Laferla, l-informazzjoni minn Preca kienet tardiva. Dan tal-ahhar sostna li sat-13 ta` Jannar 2011, saru trattativi bejn l-avukati ; waqt dawn il-kuntatti, l-atturi kienu qeghdin jitolbu ghamla ta` garanzija min-naha ta` Joseph Preca li r-rizoluzzjoni ma tkunx ri-prezentata fil-futur. It-trattativi kienu nkonklussivi.

L-isfond tal-kwistjoni kollha jidher li kien il-fatt illi Aldo Laferla kien ghamel kwezit fuq figuri li, fil-fehma tieghu, kienu anomali. Dan nissel dubji u suspetti dwar xi ulied tad-diretturi manigerjali kinux qeghdin jigu favoriti bl-ghoti ta` beneficcji addizzjonali u ‘allowances’ minghajr konsultazzjoni jew approvazzjoni tal-bord tad-diretturi. Meta in segwitu kienet proposta rizoluzzjoni sabiex ikun stabbilit metodu ta` kif diretturi jistghu jitolbu informazzjoni, il-klima konflittwali bejn il-partijiet aggravat ruhha u wasslet ghal litigazzjoni.

**Inkwadrata l-vertenza u x`wassal ghaliha, din il-Qorti sejra tghaddi biex tqis <u>l-ewwel talba</u> fl-isfond tal-eccezzjonijiet li tressqu kontra taghha.**

Fl-ewwel domanda, l-atturi talbu dikjarazzjoni mill-Qorti li d-diretturi tas-socjeta` ghandhom dritt ghal access illimitat u shih ghall-kotba u informazzjoni ohra tas-socjeta. Mill-konvenuti Preca u Preluna Limited kien eccepit li talba ta` dik ix-xorta hija mproponibbli ghaliex il-Qorti ma tistax tkun mitluba taghti pariri dwar il-ligi.

Meqjusa l-fatti li wasslu ghall-kawza tal-lum, din il-Qorti ssib li l-ewwel talba mhijiex semplici dikjarazzjoni generika. Kif dedotta, it-talba ghandha titqies fil-kuntest propju taghha. Jidher evidenti li fil-bord tad-diretturi tas-socjeta` twieldet sitwazzjoni fejn r-rizoluzzjoni de qua fl-ewwel lok kienet il-kagun ta` talba (u hrug) ta` mandat ta` inibizzjoni, u wara ghall-kawza tal-lum, bil-formulazzjoni tal-ewwel talba. Huwa minnu li t-talba setghet inkitbet ahjar u b`mod aktar felici sabiex tigi senjalata r-rabta bejn l-ilment li - skond l-atturi - kien lesiv ghall-jeddijiet taghhom, u l-ligi li abbazi taghha kienu qeghdin isostnu li kien hemm ksur, u allura talbu harsien. Dan affermat din il-Qorti xorta tghid illi min jaqra r-rikors guramentat fl-assjem tieghu, u l-ewwel talba b`mod partikolari, jasal xorta ghal rabta bejn l-ilment u l-allegat ksur tal-jedd. Ghalhekk huwa riduttiv ghall-ahhar li l-ewwel talba titqies daqslikieku kienet rikjesta ta` parir legali mill-Qorti.

Anke li kieku t-talba ut sic kienet merament dikjaratorja, ma kenitx tkun inammissibbli jew sprovvista minn interess guridiku.

Fil-gurisprudenza tal-qrati taghna, insibu li l-interess ikun guridiku ghaliex ikun rikonoxxut mil-ligi, u l-azzjoni tkun preordinata ghall-kisba ta` rimedju protett mil-ligi. Kien ghalhekk li kien deciz illi m`ghandhomx ikunu ammessi talbiet li jwasslu biss ghal semplici dikjarazzjoni. Fis-sentenza li tat fit-18 ta` Frar 1966 fil-kawza "**Darmenia vs Borg Oliver noe**" il-Qorti tal-Appell qalet :-

*"fis-sistema aktarx segwit mill-Qrati taghna, ghad li m`humiex projbiti domandi diretti ghall-otteniment ta` semplici dikjarazzjoni li tista` tkun pre-ordinata ghal domanda ohra definittiva jew finali, avolja din ma tkunx dedotta, jehtieg illi l-Qorti tkun perswaza illi dak ir-rimedju l-iehor jista` jinghata` ; jekk ir-rimedju konsegwenzjali m`huwiex ottenibbli mill-Qorti, id-dikjarazzjoni ma tinghatax".*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tat-2 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Edrichton Estates Ltd vs Munro Philips & Co Ltd**", kien rilevat illi fil-kaz ta` talbiet dikjaratorji, il-Qorti tista` tiehu konjizzjoni taghhom, purche` dawn ikunu preordinati ghal domanda definitiva u finali, anke jekk din tkun ghada ma gietx dedotta f`gudizzju (ara wkoll : "**Grech vs Grech**" : Qorti tal-Appell : 11 ta` Jannar 1989).

Inghad ukoll li *"l-interess f`min jaghmel kawza m`hemmx bzonn li jkun patrimonjali, imma jista` jkun anki morali u astratt, purche` jkun ta` natura guridika, jigifieri li jkun jikkorrispondi ghal lezjoni ta` dritt, u ghalhekk, hu bizzejjed, biex jirradika dak l-interess, anki semplici dritt onorifiku. Lanqas m`hu mehtieg li jkun hemm vjolazzjoni ta` dritt veru u propju, imma hu bizzejjed li l-ezistenza tad-dritt tkun minaccjata"* [ara : "**Axiaq vs Mizzi**" : PA : 13 ta` Ottubru 1952 : Kollez. Vol. XXXVI.11.532].

Fis-sentenza taghha tad-9 ta` Jannar 1959 (Kollez. Vol XVIII.1.1) fil-kawza "**Falzon Sant Manduca vs Weale**", il-Qorti tal-Appell kienet sostniet illi l-interess m`hemmx ghalfejn jissarraf fi flus jew f`valur ekonomiku.

Fis-sentenza taghha tat-3 ta` Settembru 1961 fil-kawza "**Ganado vs Borg Olivier**", il-Qorti tal-Appell kienet irrilevat illi "*d-dritt tal-attur vjolat bir-rizoluzzjoni impunjata ghandu kontenut morali, u jidhol fil-kategorija tad-drittijiet soggettivi immaterjali – liema dritt l-attur ghandu b`din l-azzjoni l-interess li jigi affermata permezz tal-awtorita` gudizzjarja".* "

Fil-kaz tal-lum, id-dikjarazzjoni kif dedotta fl-ewwel talba attrici hija evidentement intiza sabiex tafferma li l-atturi qeghdin ifittxu harsien kontra tentattiv ta` vjolazzjoni ta` dritt taghhom.

Finalment il-Qorti taghmel riferenza ghall-verbal li sar fis-seduta peritali tad-9 ta` Mejju 2011 li jghid hekk :-

*"Dottor Henri Mizzi ghan-nom ta` Andrea Preca, Francis Preca, Joseph Preca u Amanda Vassallo Preca jiddikjara illi fir-rigward tal-ewwel talba, in kwantu din tirrifletti l-pozizzjoni taht il-ligi, qatt ma kien hemm u m` hemmx illum kontestazzjoni. Dr Peralta ghan-nom ta` Preluna Limited filwaqt illi jassocja ruhhu mal-verbal precedenti u l-principju hemm imsemmi jissottometti illi domanda ta` din in-natura hija inammissibbli ghaliex tirrifletti stat ta` ligi gja` kjarament enuncjat fil-ligi Maltija, u ma jistax ikun hemm dikjarazzjonijiet ta` din in-natura f` proceduri lokali dwar kull principju imsemmi fil-ligi taghna."*

Skond dan il-verbal, jidher li hemm l-accettazzjoni illi d-diretturi ghandhom dritt ghal informazzjoni dwar is-socjeta`.

Il-kwistjoni kollha hija jekk l-ewwel talba kenitx mehtiega.

Skond l-**<u>Art 163 tal-Kap 386</u>** :-

*(1) Minflok il-ħtiġiet tal-artikoli minn 13 sa 18 tal-Kodiċi tal-Kummerċ kumpannija tkun meħtieġa li żżomm kotba xierqa tal-kontijiet dwar - (a) is-somom kollha miġbura u minfuqa mill-kumpannija u l-ħwejjeġ li dwarhom id-dħul u l-infieq isir; (b) l-attiv u l-passiv tal-kumpannija; (ċ) jekk il-kummerċ tal-kumpannija jinvolvi negozju ta` oġġetti - (i) dikjarazzjonijiet tal-istocks miżmum millkumpannija f`għeluq iż-żmien tal-kontijiet talkumpannija; (ii) id-dikjarazzjonijiet kollha ta` teħid ta` stocks li minn dik id-dikjarazzjoni msemmija fis-subparagrafu (i) ikun tħejja jew ikun se jitħejja; u (iii) ħlief fil-każ ta` oġġetti mibjugħa bħala kummerċ bl-imnut ordinarju, dikjarazzjonijiet tal-oġġetti kollha mibjugħa u mixtrija, fejn jintwerew loġġetti u x-xerrejja u l-bejjiegħa b`dettall biżżejjed biex dawn kollha jkunu jistgħu jiġu identifikati.*

*(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) jitqiesu li jinżammu kotba xierqa tal-kontijiet dwar l-imsemmija ħwejjeġ jekk dawk il-kotba jkunu biżżejjed biex juru u jispjegaw t-transazzjonijiet talkumpannija u jkunu hekk li - (a) juru bi preċiżjoni xierqa, f`kull żmien, il-qagħda finanzjarja tal-kumpannija f`dak iż-żmien; u (b) bihom id-diretturi jkunu jistgħu jiżguraw li kull karta tal-bilanċ u kont ta` qligħ u telf imħejjija taħt dan ilKapitolu jħarsu l-ħtiġiet ta` dan l-Att.*

*(3) Il-kotba tal-kontijiet għandhom jinżammu fl-uffiċċju reġistrat tal-kumpannija jew f`dak il-post l-ieħor li d-diretturi jidhrilhom xierqa, u għandhom ikunu f`kull ħin miftuħa biex ikunu spezzjonati mill-uffiċjali tal-kumpannija :*

*Iżda jekk il-kotba tal-kontijiet jinżammu f`post barra minn Malta, għandhom jintbagħtu f`Malta u jinżammu hemmhekk u jkunu f `kull ħin miftuħa għall-ispezzjoni tal-uffiċjali talkumpannija dawk il-kontijiet u prospetti dwar in-negozju li dwarhom jittrattaw il-kotba tal-kontijiet ħekk miżmuma u*

*juru bi preċiżjoni xierqa l-qagħda finanzjarja ta` dak in-negozju f`intervalli ta` mhux iżjed minn sitt xhur u li minnhom ikunu jistgħu jitħejjew, skont dan l-Att, il-karta tal-bilanċ u l-kont ta` qligħ u telf tal-kumpannija. "*

Il-ligi taghna taghti dritt lid-diretturi li f`kull waqt jispezzjonaw il-kotba tal-kontijiet tas-socjeta`. Din il-Qorti ma tarax li l-ewwel talba hekk kif dedotta qeghda tivvanta xi dritt li jmur oltre dak li taghti l-ligi. Id-dritt tad-diretturi jsib sostenn fit-tielet subartikolu tal-Art 163.

**Il-Qorti qeghda <u>tilqa`</u> l-ewwel talba**.

**2) <u>It-tieni talba</u>**

L-atturi qeghdin jitolbu lill-Qorti sabiex tordna lill-konvenuti - jew min minnhom - sabiex jirtiraw kwalunkwe struzzjonijiet li taw lill-ufficjali tas-socjeta` u li skond l-atturi seta` kellhom l-effett li jillimitaw l-access shih tad-diretturi ghall-kotba tas-socjeta`. Il-konvenuti Preca u s-socjeta` laqghu ghal din it-talba billi sostnew illi ghax – skond huma - hija msejsa fuq l-ipotetiku, hija inamissibbli.

Fir-relazzjoni, l-espert legali fehem li dik it-talba kienet intiza sabiex l-istruzzjoni li nghatat tigi rtirata, u ghalhekk il-vertenza ddur fuq zewg kwistjonijiet : fl-ewwel lok, jekk ir-rizoluzzjoni kif koncepita, u wara emendata sal-mument tal-presentata tar-rikors ghall-hrug tal-mandat ta` inibizzjoni kinitx tassew wahda li tillimita d-dritt tad-diretturi ghall-access illimitat ; u fit-tieni lok, jekk fid-data tal-presentata tar-rikors guramentat, kienx ghad hemm il-hsieb li dik ir-rizoluzzjoni titwettaq u allura jekk l-incident kienx maghluq qabel saret il-kawza.

Ghalkemm il-Qorti taqbel fil-principju ma` dak li rrileva l-espert legali illi din il-Qorti ma tistax tintalab tippronunzja ruhha fuq kwistjoni li ma gietx ippruvata li sehhet, fl-istess waqt – anke kif issottolinjaw l-atturi - apparti r-rizoluzzjoni ut sic kien hemm l-email ta` Joseph Preca li l-atturi pprezentaw bhala Dok G mar-rikors guramentat. Hemm inkiteb hekk :-

*"In the case that any kind of workings need to be carried out to satisfy any queries or clarification of the information requested, again I would suggest that the appropriate method would be to ask the most senior member of management responsible for financial information, that is to say the financial controller who will see to it that the information will be provided in the earliest practical time."*

Din hija struzzjoni u jidher li kellha l-effett li tillimita l-access tad-diretturi ghal informazzjoni stante li kienet ser tinvolvi "*the most senior member of management responsible for financial information*". L-email marret ghand il-kontrollur finanzjarju tas-socjeta` bhala '*internal memorandum*' (Dok JP1).

Inoltre hemm ix-xiehda ta` Aldo Laferla u Joseph Farrugia li sostnew li ma nghatawx informazzjoni ghaliex lil min talbu informazzjoni ried jirreferi l-kwistjoni lill-'*managing directors'.* Fl-ispecifiku Aldo Laferla fix-xiehda tieghu tat-13 ta` Gunju 2011 quddiem l-espert legali stqarr illi : "*meta l-informazzjoni li kont nitlob kienet tkun sensittiva, bhal per ezempju dwar rimunerazzjoni jew allowance ta` xi direttur, kont nara certa ezitazzjoni dapparti tal-accountant. U f` xi zmien kien qalli li qabel ma` jaghtini l-informazzjoni ikun ahjar li jirreferi lil Joe Preca.*"

Din il-Qorti hija tal-fehma konsiderata illi t-tieni talba ma saritx biss b` referenza ghar-rizoluzzjoni li skattat il-vertenza izda saret b` referenza wkoll ghal kwalunkwe struzzjonijiet li nghataw biex id-drittijiet tad-diretturi ghall-informazzjoni jigu ristretti jew limitati.

Din il-Qorti – bir-rispett – mhijiex tikkondividi l-fehma tal-espert legali illi l-kwistjoni kienet definittivament maghluqa bl-email tat-30 ta` Dicembru 2010. In vista ta` l-email Dok G (prezentata mar-rikors guramentat) u l-fatt li kien hemm okkazjonijiet fejn l-atturi ma kienu nghataw it-taghrif li talbu, din il-Qorti ma tqisx illi l-kwistjoni kienet definittivament maghluqa bl-email tat-30 ta` Dicembru 2010. Huwa minnu li permezz ta` dan l-email, ir-rizoluzzjoni giet irtirata. Kienet pero` ritirata strategika aktar milli xi volonta` nkondizzjonata li d-dritt hieles tad-diretturi jibqa` llimitat.

Lanqas din il-Qorti – bir-rispett – ma tikkondividi l-konkluzjoni tal-espert legali illi l-atturi ma kellhomx l-interess guridiku li jaghmlu din il-kawza. Ladarba fl-email tat-30 ta` Dicembru 2010, kien hemm insistenza fuq procedura li kienet sejra tirrestringi l-access illimitat ghall-informazzjoni tad-diretturi, l-atturi (ghax diretturi) kellhom kull interess li jipprocedu bil-kawza tal-lum.

Madanakollu, meta mbaghad din il-Qorti tghaddi biex tqis jekk l-email tat-30 ta` Dicembru 2010 fejn kien suggeriet *appropriate method* jew jekk l-istruzzjonijiet moghtija kinux tassew joholqu restrizzjoni fuq id-dritt tad-diretturi ghall-informazzjoni, din il-Qorti tara li, kif sahqu kemm il-konvenuti Preca kif ukoll l-espert legali, il-metodu dwar kif id-dritt ta` diretturi seta` jigi ezercitat jemergi mill-kamp ta` *corporate governance.*

**<u>L-Art 163(3) tal-Kap 386</u>** jistipola illi l-kotba tal-kontijiet ta` kumpannija ghandhom jinzammu fl-ufficju registrat jew f` post iehor li d-diretturi jidhrilhom

xieraq u ghandhom ikunu f` kull hin miftuha biex ikunu spezzjonati mill-ufficjali tal-kumpanija. Ghalhekk il-ligi trid dan id-dritt tad-diretturi ghall-informazzjoni izda ma jidhrix li tistabilixxi l-ghazla tal-mod ta` tmexxija ta` dak id-dritt billi kwistjoni ta` din ix-xorta taqa` fl-ambitu ta` *corporate governance.*

Minn ezami ta` dak li sehh fil-kaz tal-lum, jirrizulta illi b`dak li kien qed jigi propost fl-email Dok G, u cioe` li l-kontrollur finanzjarju tas-socjeta` ghandu jghaddi l-informazzjoni mehtiega minn kull direttur, ma kienx fil-fatt qieghed jillimita d-dritt tad-diretturi ghall-informazzjoni ghaliex kien in linea mal-principji ta` *corporate governance.*

Tajjeb kien osservat mill-konvenuti Preca fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom illi ghandu jigi zgurat li d-diretturi jinghataw l-informazzjoni li jridu f`waqtha, u li jekk iridu, jistghu huma stess jezercitaw id-dritt taghhom billi jispezzjonaw il-kotba huma stess f` kull hin.

Socjeta` ghandha d-dritt li taddotta l-istil ta` tmexxija li huwa tajjeb u rilevanti ghaliha u kien ghalhekk li nholqu principji ta` tmexxija tajba jew *corporate governance.*

Il-Qorti hadet konjizzjoni tal-kontenut tad-dokument li pprezentaw il-konvenuti Preca fl-udjenza tas-7 ta` Ottubru 2014 bl-isem "*Corporate Governance Guidance and Principles for Unlisted Companies in the UK".* In partkolari, r-raba` principju jghid hekk :-

*"Principle 4 - The Board should meet sufficiently regularly to discharge its duties and be supplied in a timely manner with approporiate information.*

*Key Points*

*Consideraion should be given to the appropriate organisation of board meetings.*

*The chairman is responsible for ensuring that the directors receive accurate, timely and clear information.*

*Management has an obligation to provide such information. However, directors could seek clarification or amplification from management where necessary. The board should establish explicit procedures which allow directors to approach management for further information ...*

*Directors may wish to supplement the information they receive from management with information from other channels, such as departmental visits, with or without the chief executive present and reports prepared by external think tank, academics or regulatory bodies. However, the search for additional*

*information should be undertaken after consultation with the chairman of the board and the CEO."*

Ghalhekk filwaqt li – bir-rispett – ma taqbilx mal-espert legali li l-atturi ma kellhomx interess guridiku li jipprocedu b`din l-azzjoni, ghaliex kellhom fil-fatt l-interess rikjest mil-ligi, fl-istess waqt din il-Qorti tghid illi ladarba rrizulta ppruvat illi l-istruzzjonijiet li nghataw wara li r-rizoluzzjoni giet irtirata kienu in linea mal-principji ta` *corporate governance* bla saret lezjoni tal-jedd tad-diretturi, hija **sejra tichad it-tieni talba tal-atturi**.

### 3) It-tielet talba

L-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenuti jigu inibiti milli fil-futur jippruvaw bi kwalunkwe mod illi jillimitaw l-access tad-diretturi ghall-informazzjoni. Il-konvenuti Preca laqghu ghal din it-tielet talba billi nsistew fuq l-inammissibilita` taghha, waqt li s-socjeta` eccepiet il-karenza ta` talba ghal dikjarazzjoni ta` kolpevolezza minhabba xi att specifiku kommess mill-konvenuti.

Fir-relazzjoni, l-espert legali rrileva li talba ghal inibizzjoni perpetwa mhijiex ammissibbli fil-ligi taghna. Kawza ssir sabiex jigi stabbilit il-jedd kawtelat bil-mandat u mhux sabiex il-mandat ut sic jibqa` fis-sehh ghal dejjem.

Din il-Qorti tirreferi ghall-gurisprudenza. Fost ohrajn, issemmi s-sentenzi taghha kif presjeduta u cioe` "**Carmel Gatt vs Rita Abela et**" tat-30 ta` Settembru 2010 u "**Joseph Aquilina et vs Dione Bartolo**" tad-29 ta` Settembru 2011. Tirreferi wkoll ghal sentenza ohra taghha – diversament presjeduta – "**Fenech et vs Malta Diary Products Limited**" tat-30 ta` Ottubru 2003. Fis-sentenza tal-ahhar, il-punt kien trattat *in funditus*. Fis-sostanza l-gurisprudenza ttraccjat il-principju illi jekk mit-talbiet ikun jidher illi l-iskop ta` l-attur bil-prezentata ta` l-azzjoni ma kienx semplicement sabiex izomm fis-sehh mandat ta` inibizzjoni, izda sabiex tinghata decizjoni dwar id-dritt pretiz minnu, li kien ikkawtelat bil-mandat, allura t-talba tkun ammissibbli.

Relattivament ghall-kaz tal-lum, meta l-Qorti tevalwa t-tielet talba mat-tnejn ta` qabel, issib li t-tielet talba saret fil-kuntest sabiex jigi stabbilit il-jedd kawtelat bil-mandat ossija d-dritt tad-diretturi ghall-informazzjoni.

Saret hafna enfazi dwar l-uzu tal-kelma '*tinibixxi'* fis-sens l-frazi ghandha konnotazzjonijiet li ghandhom x` jaqsmu ma` mandat, u li ghalhekk it-talba saret unikament sabiex tinkiseb inibizzjoni perpetwa. Madanakollu l-fatt li din

it-talba saret b`rabta u b`konsegwenza tal-ewwel talba, din il-Qorti mhijiex tara fit-tielet domanda talba ghal <u>mandat</u> in perpetwu. Fil-fatt it-talba saret sabiex tinghata decizjoni dwar id-dritt pretiz mill-atturi, ossija d-dritt ghal informazzjoni liema dritt kien kawtelat bil-mandat ta` inibizzjoni. Ghal darb` ohra, din il-Qorti sejra taghmilha cara li l-ordni ser tkun relatata mad-drittijiet moghtija lil diretturi ta` kumpanija jew ufficjali ohra skond l-Art 163(3) tal-Kap 386.

**4) <u>L-ispejjez</u>**

Is-sitwazzjoni giet precipitata bir-rizoluzzjoni li ppropona u ccirkola l-konvenut Joseph Preca.

Mir-risposta guramentata ta` Joseph Farrugia, il-Qorti kkostatat illi dan il-konvenut partikolari ma kienx qed jikkontesta t-talbiet attrici. Il-pozizzjoni tieghu baqghet dejjem l-istess, kemm waqt il-laqghat tal-bord tad-diretturi tas-socjeta`, kemm fil-kors tal-proceduri relatati mat-talba ghall-hrug tal-mandat ta` inibizzjoni, kif ukoll waqt il-procediment tal-lum. Huwa kien minn dejjem kontra r-rizoluzzjoni.

Fil-kaz ta` Preluna Limited, ghalkemm kien citata bhala konvenuta ghall-fini ta` integrita` tal-gudizzju, fl-istess waqt is-socjeta` kkontestat it-talbiet ta` l-atturi, kif ghamlu l-konvenuti Preca.

Din il-Qorti hija tal-fehma li din il-kawza setghet giet evitata b`doza tajba ta` buon sens u b`aktar trasparenza bejn il-kontendenti.

Li l-kwistjoni tigi quddiem il-Qorti, anke wara li fl-email Dok G, kien hemm dikjarazzjoni cara li d-decizjoni moghtija mill-Qorti fir-rigward tal-mandat ta` inibizzjoni kienet ser tigi rispettata, turi animozita` u nuqqas ta` fiducja li mhux facli tigi ripristinata dment li kull parti zzomm il-karti taghha mistura u tbexxaqhom skond ma jkun jaqbel lilha minflok fl-ahjar interess tas-socjeta`. Il-Qorti tghid ukoll li l-iskambju ta` kummenti dwar Tower Investments Limited ma jagevolax il-fejqan tal-ferita li wasslet ghall-kawza tal-lum. Jispetta lill-partijiet interessati li jaghlqu dan il-kapitolu morr fl-istorja tas-socjeta` u jharsu `l quddiem billi jitilqu minn punt tat-tluq komuni u cioe` l-interess primarju tas-socjeta` u mhux taghhom. Meqjusa l-fatti u cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti hija tal-fehma konsiderata li l-ispejjez ta` din il-kawza ghandhom jithallsu in kwantu ghal nofs mill-atturi flimkien u in kwantu ghan-nofs l-iehor mill-konvenuti kollha flimkien. Kulhadd <u>illum</u> minghajr distinzjoni ghandu jerfa` l-piz tal-istat prezenti ta` sfiducja li hemm fis-socjeta` bit-tama forsi li l-esitu ta` din il-kawza jservi biex jixpruna lill-interessati *to turn a new leaf.*

**Decide**

Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dwar it-talbiet attrici, u dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghal dawk it-talbiet, billi filwaqt illi qeghda tilqa` l-ewwel u t-tielet talbiet attrici, qeghda tichad it-tieni talba attrici.

Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, komprizi dawk tal-Mandat ta` Inibizzjoni, jithallsu in kwantu ghal nofs mill-atturi flimkien, u in kwantu ghan-nofs l-iehor mill-konvenuti kollha flimkien.

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**